# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2738

**Kaz Nru. 3691 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Antoine Cassar (ID No : 200571 M )**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Ltd.**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Antoine Cassar li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2018. Matul is-simgh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mis-Sur Sandro Vella u mill-Avv. Abigail Critien u ghas-socjeta appellata dehret Ms Joanna Calleja li kienet assistita mill-Avv. Joe Zammit Maempel.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-socjeta ntimata fuq bazi full-time b'kuntratt indefint fil-grad ta' crane operator.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jkompli jghid li fil-21 ta' Gunju, 2018 il-Board ta' Dixxiplina kien ddecieda li l-impjieg tieghu kellu jigi terminat u liema terminazzjoni ta' l-impieg saret permezz ta' ittra datata 25 ta' Gunju, 2018.**

**Huwa jghid ukoll, li kien appella mis-sentenza quddiem il-Board ta' l-Appell skond il-Ftehim Kolletiv li jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impieg tieghu. Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li izda ghalkemm kien deher ghas-smiegh quddiem il-Board ta' l-Appell, sal-gurnata meta kien qed jintavola l-kaz tieghu jigifieri sa 16 ta' Ottubru, 2018 kien ghadu ma rceviex risposta tad-Decizjoni tal-Board ta' l-Appell.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li minkejja li deher quddiem il-Board tal-Appell, dan l-appell ghadu pendenti, izda s-socjeta xorta ghazlet li b'mod ufficcjali u anke mal-Jobsplus tittermina l-impjieg tieghu meta fil-verita suppost tali mpjieg ghadu vigenti stante li l-appell ghadu ma giex deciz mill-Board ta' l-Appell u ghalhekk, suppost ghad hemm il-lok u l-**

**opportunita li s-sentenza moghtija mill-Board ta' Dixxiplina tigi mibdula, mhassra jew annullata mill-Board ta' l-Appell.**
**Ir-rikorrent jghid ukoll, li ma jistax jifhem kif is-socjeta ntimata ddikjarat li l-impjieg tieghu kien gie terminat b'effett mill-25 ta' Gunju, 2018 meta l-kaz tieghu kien ghadu qed jigi ttrattat mill-Board ta' l-Appelli, ghax huwa kien ressaq l-appell tieghu fis-26 ta' Gunju, 2018 u nstema fl-20 ta' Awwissu, 2018 u s'issa ghad ma kienx hemm decizjoni finali mill-Board ta' l-Appelli.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li dan kollu imur kontra l-Ftehim Kollettiv u jikser id-dritt tieghu li jinghata l-opportunita jsalva l-impjeg tieghu permezz ta' decizjoni tal-Bord tal-Appell li jistgha jdawwar l-ezitu tad-decizjoni tal-Board tad-Dixxiplina.**

**Huwa jghid ukoll, li fil-verita gie f'posizzjoni fejn fil-waqt li ghadu qed jistenna l-ezitu tal-istess appell, l-impjieg tieghu kien diga formalment terminat b'effett retroattiv u ghalhekk ma kellu ebda alternattiva hlief li jipprocedi bil-proceduri odjerni.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li huwa umilment jitlob li dan it-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg**

**tieghu kienet ingusta u jordna wkoll ir-reintegrazzjoni tieghu fix-xoghol li kellu u jordna li jithallas kumpens gust .**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent beda jahdem mal-Malta Terminals Limited (MFTL) mill-1 ta' Gunju, 1998 u kien jokkupa l-grad ta' Equipment Opertor F1/Deckman. Hija tghid ukoll, li fl-14 ta' Gunju, 2018 hareg rapport ta' dixxiplina fil-konfront tieghu u fid-19 ta' Gunju, 2018 il-kaz tieghu nstema quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u fil-21 ta' Gunju, 2018 harget id-Decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina fejn gie deciz, li l-akkuzi kontra tieghu gew ippruvati u l-impjieg tieghu gie tterminat.**

**Is-socjeta tghid ukoll li ghaldaqstant, l-impieg tar-rikorrent gie tterminat fil-25 ta' Gunju, 2018 u gew avzati l-Jobsplus bit-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kif hemm stipulat fi klawsola 8.8 tal- Ftehim Kollettiv li tghid "Fil-kazijiet kollha minbarra dik ta' terminazzjoni ta' mpieg, id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ma tidholx fis-sehh qabel jghaddi t-terminu koncess ghall Appell. F'kaz ta' terminazzjoni d-decizjoni tidhol fis-sehh b'mod immedjat u l-Bord tal-Appell ghandu jisma tali appel fi zmien hamest t'ijiem minn meta jintalab l-appell".**
**Is-socjeta tghid ukoll, li wara diversi tentattivi biex tigi mifthema data fejn setghu jattendu l-partijiet kollha ghall-Bord tal-Appell, dan sar fl-20 ta' Awwissu, 2018. Is-socjeta tghid ukoll, li l-Bord ta' l-Appell huwa**

**kompost minn persuna miftehma mill-kumpanija u mill-Union u hija kompletament indipendenti u estrana ghaz-zewg partijiet. Is-socjeta tkompli tghid, li sfortunatament ghalkemm instema l-Appell u saru s-sottomissjonijiet kollha miz-zewg nahat, id-decizjoni ghada ma gietx moghtija mill-Bord ta' l-Appelli.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li l-kumpanija tittermina l-impjieg tal-haddiem skond dak kontemplat fil-Ftehim Kollettiv, u jidher li r-raguni ta' dan hija biex il-haddiem jinghata l-opportunita li jesplora u / jew ifettex xoghol alternattiv sakemm jigi deciz l-Bord tal-Appell.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li f'kaz simili u ricenti ta' Julian Bonnici vs Malta Freeport Terminals Ltd, l-impjieg tas-sur Bonnici gie terminat skond id-Decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, meta d-decizjoni tal-Bord tal-Appell annullat id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, is-sur Bonnici gie reintegrat f'xogholu u thallas taz-zmien kollu li ghamel barra mill-impjieg skemm harget id-Decizjoni tal-Bord tal-Appell.**

**Ghaldaqstant is-socjeta tghid, li t-talba tar-rikorrent hija wahda intermpestiva billi t-terminazzjoni tal-impieg f'dan l-istadju hija skond dak kontemplat fil-Ftehim Kollettiv u ghalhekk hija gusta u sa ma**

**tinghata d-decizjoni tal-Bord tal-Appell huwa m'ghandu jinghata l-ebda kumpens, jew jerga jidhol jahdem mal-Malta Freeport Terminals Limited.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent gie mpjegat mas-socjeta fl'1 ta' Gunju, 1998 u kien jokkupa l-grad ta' Equipment operator F1/Deckman.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-hajja ta' l-impieg tieghu huwa kellu kazijiet ohra ta' dixxiplina izda l-assistenza legali tar-rikorrent tghid, li dwar il-kazijiet ta' dixxiplina kienet ghaddiet aktar minn sena u ghaldaqstant m'ghandhomx jigu aktar ikkunsidrati fl'ghoti tad-Decizjoni.**

**Minn naha tas-socjeta tghid, li l-kazijiet ta' dixxiplina ghandhom jigu kkunsidrati u pprezentat erbgha kazijiet ta' dixxiplina li r-rikorrenti kellu fil-passat. Il-kazijiet ta' dixxiplina kienu :-**

1) **li b'Decizjoni tal-Board tad-Dixxiplina tas-6 ta' Gunju, 2012 ir-rikorrenti kien instab hati li kien rieqed waqt il-hin tax-xoghol; telaq minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni; ma kienx f'pozizzjoni li jwettaq id-dmirijiet tieghu u li kien ppregudika l-operation fuq il-vapur fejn kien gie assenjat.**

**2) B'Decizjoni tal-Board tad-Dixxiplina tas-26 ta' Settembru, 2015 ir-rikorrenti nstab hati li b'insubordinazzjoni; irrifjuta li jtella l-boom tal-crane kif kien avzat mis-Superjur tieghu u b'attitudni u mgieba skorretta.**

**3) Il-Board tad-Dixxiplina permezz ta' Decizjoni data 14 ta' Settembru 2015 kien sab hati lir-rikorrent li intenzjonalment ghamel il-booming-up ta' QC07 b'mod skorrett u/jew negligenti u/jew abbuziv. Li seta' kkawza danni kbar fuq l-istess QC07 b'riskju kbir ghas-sahha u s-sigurta tal-haddiema.**

**4) B'Decizjoni tal-Board tad-Dixxiplina tal-14 ta' Novembru 2016 sab lir-rikorrenti hati li telaq mil-lant tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni.**

**Ghall dawn il-kazijiet ta' dixxiplina li kellu r-rikorrent is-socjeta tghid, li ghandhom jigu kkunsidrati meta dan it-Tribunal Industrijali jiehu decizjoni ghax fil-Ftehim Kollettiv m'hemmx perjodu ta' skadenza li ma jibqawx jigu kkunsidrati u hija tghid li dan hu skond l-art 8.5 tal-Ftehim Kollettiv.**

**Matul il-provi It-Tribunal Industrijali ezamina klawsola 8.5 tal-Ftehim Kollettiv li tghid "kull azzjoni mehuda jew kull penali kontra haddiem li jinstab hati tigi rregistrata fil-file personali tal-haddiem u tista' tigi kkunsidrata meta jkun qed jigi deciz il-futur mal-kumpanija, dan dment**

**li tali azzjoni ma kienitx konsegwenza ta' implimentazzjoni ta' piena stabbilita".**

**Rigward din il-klawsola t-Tribunal Industrijali jinnota, li ma hemmx terminu ta' zmien li kazijiet ta' dixxiplina tal-passat ma jibqawx jigu kkunsidrati.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l'impieg tar-rikorrent gie tterminat wara li ghadda process ta' dixxiplina. Dan sar wara li s-socjeta kienet harget att ta' akkuza fil-konfront tieghu li kienet tghid " Nhar il-Hamis 14 ta' Gunju waqt ix-xift ta' bil-lejl, int kont assenjat fuq QC25.**

**Inti gejt innutat li ma kellekx il-Bay Plan u ma kontx liebes l-ilbiez protettiv komplut. Wara dan, int ghidt li mhux qed thossok tajjeb biex issuq il-crane u ghidt lis-Supervisor li ser titlaq.**

**Inti gejt avzat biex issaqsi permess lid-Duty Manager biex tohrog mil-port, madankollu inti tlaqt minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni u minghajr ma zort il-klinika.**
**Ghalhekk int qed tigi akkuzat :-**

**- B’nuqqas ta’ preparazzjoni u/jew negligenza waqt il-qadi ta’ dmirijietek;**
**- Inqast milli tilbes ilbies protettiv;**
**- Tlaqt min fuq il-lant tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni b’konsegwenza serji fuq l-operat u r-reputazzjoni tal-kumpanija”**

**Quddiem it-Tribunal Industrijalu tresqu diversi xhieda u provi dwar dan il-kaz inkwestjoni. Fis-sedua tad 9 ta’ April, 2019 xehed Loris Scardino li jokkupa l-kariga ta’ Enforcement Officer mas-socjeta ntimata.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li r-rikorrent dahal ghax-shift ta’ nofs il-lejl li jdum sat-8 ta’ fil-ghodu. Ix-xhud jghid ukoll, li fis-siegha ta’ fil-ghodu il-management induna li fuq il-krejn fejn kien qed jahdem ir-rikorrent kienu saru zewg containers biss meta l-krejnijiet l-ohra li kienu fuq l-istess vapur kienu qed jaghmlu ferm iktar muvimenti.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li s-sekwenza tal-vapur kienet qed titlob li jibda tal-ghoxrin (20), tmienja (8) ghaxar (10) contatiners, jaqleb ghal tal-erbghin u jkompli b’tal-ghoxrin (20). Huwa jghid ukoll, ghal dan ix-xoghol jigi deciz minn qabel mill-planning u hu obbligu ta’ l-operator li fil-bidu tax-shift ikollu Bay Plan ghax din tghati stampa ta’ dak li se jigri fuq il-vapur.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li r-rikorrent ma hax dan il-Bay Plan u ghaldaqstant minghajrhom ma jkunx jaf x'inhu jigri.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li l-crane l-iehor fuq l-istess vapur f'hin ta' siegha ghamel 30 container. Ix-xhud ikompli jghid, li l-opertor ma bedix ittelgha x-xoghol fuq struzzjonijiet tar-rikorrent li qallu biex jieqaf. Ix-xhud ikompli jghid, li r-rikorrent intefa bil-qeghda u baqa hemmhekk meta dan ghandu r-radio biex jghamel kuntatt dirett max-shit leader.**

**Is-sur Scardino fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li r-rikorrent qabel dan il-Bord ta' Dixxiplina li tkecca mill-impjieg kellu erbgha bordijiet ohra ta' dixxiplina fejn instab hati l-erbgha darbiet u tnejn minnhom, wahda mill-akkuzi kienet li telaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni.**

**Fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2019 xehed Jonathan Zammit li jokkupa l-kariga ta' Supervisor Opertor. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li kien xoghol fix-xift ta' bil-lejl u kien qieghed taht crane number 28 jattendi vapur iehor meta cempillu l-clerk ta' QC crane 25 fejn qallu, li d-deckman li kien ir-rikorrent kien qed jghid li x-xoghol ma setghax jitkompla. Ix-**

**xhud jghid ukoll, li staqsa lil clerk x'kienet ir-raguni u dan wiegbu li r-rikorrent xtaq il-containers tal-erbghin minflok l-containers tal-ghoxrin.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li mar fuq il-vapur u sab lir-rikorrent fejn staqsieh x'kienet il-problema u r-rikorrent qallu li hemmhekk hemm capep sliding. Ix-xhud ikompli jghid, li staqsa lir-rikorrent x'kienet ir-raguni li ma setghux jitilghu tal-ghoxrin u r-rikorrent qallu ghax ic-capep sliding u ghalhekk ried ta' l-erbghin.**

**Fix-xhieda tieghu Jonathan Zammit jghid, li qal lir-rikorrent li ma kien hemm l-ebda problema u x-xoghol gie mwettaq. Ix-xhud jghid ukoll, li wara huwa rraporta lill Oliver Tanti li jokkupa l-grad ta' Duty Manager.**

**Fl'istess seduta tal-11 ta' Gunju, 2019 xehed Oliver Tanti li jokkupa l-grad ta' Duty manager. Fix-xhieda tieghu jghid, li kien xoghol il-Hamis 14 ta' Gunju fix-xift ta' bil-lejl u gie nfurmat minn Jonathan Zammit li jokkupa l-kariga ta' shift leader supervisor, li l-produzzjoni fejn kien qed jahdem ir-rikorrent ma kienitx accettabbli ghall-ewwel siegha xoghol.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li mar abbord fejn sab lir-rikorrent bil-qeghda, ftit il-boghod minn fejn il-post tax-xoghol propjament fejn kienu qed jitqieghdu**

l-containers. Ix-xhud ikompli jghid, li r-rikorrent kien minghajr is-safety helmet u minghajr dokumenti necessarji biex ikun jista jivverifika u jikkonferma li x-xoghol verament li qed jitpogga fuq il-vapur huwa dak kif suppost skond il-pjan li johrog mill-Planning Department.

Ix-xhud kompla jghid, li wara mar ikellem lix-shift Leader Spervisor fejn qallu biex imur ikellem lir-rikorrent u jghidlu x'ghamel hazin u qallu wkoll biex johroglu rapport ta' dixxiplina.

Fix-xhieda tieghu Oliver Tanti jghid wkoll, li kien kellem lix-shift leader wara li dan kien mar ikellem lir-rikorrent fejn qallu li kien kellem lir-rikorrent u dan telaq minn fuq il-post tax-xoghol. Id-Duty manager ikompli jghid fix-xhieda tieghu, li kien ghal xi l-erbgha ta' fil-ghodu li r-rikorrent cempillu u li qal lir--rikorrent li ma kienx awtorizzat li jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud jghid ukoll, li r-rikorrent wiegbu li ma kienx qed ihossu tajjeb u ma kienx hemm x'tghamel ghax issa telaq minn fuq il-post tax-xoghol.

Fis-seduta ta' 1 ta' Ottubru, 2019 xehdet Joanna Calleja li tokkupa l-kariga ta' Human Resources Officer. Fix-xhieda taghha hija pprezentat dokument li juri, li l-haddiema kienu nfurmati li meta jkunu sick ma jistghux jitilqu mill Freeport qabel ma jmorru l-clinic li kienet tinsab il-

**freeport stess. Id-dokument li pprezentat kien jghid “Anyone feeling sick shall report to the clinic prior leaving Terminal”.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrent f’diversi seduti fejn jghid, li f’dik il-gurnata ta’ l-incident kien qed jahdem bhala Deckman u mieghu kellu crane operator li kien ghadu gdid. Huwa jghid ukoll, li kien qed jahdem mill-art u kien qed jidderigi lill crane operator. Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li l-ewwel ghoxrin minuta tax-shift kienu mitlufin ghax kienu ghoxrin minuta waiting u kienu bla trakkijiet.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li kien inqala xi hsarat fuq il-krejnijiet tal-bitha u x-xoghol rega nbidel. Huwa jghid ukoll, li kienet ghaddiet xi nofs siegha u wara marru fuq bay ohra. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kien irranga mal-clerk ghax peress li l-operator kien ghadu gdid biex jibda jtih ix-xoghol minn naha tal-bahar peress li cappep kienu sliding u biex ma jkollux diffikulta.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li beda jara li kien hemm diffikulta fix-xoghol u qal lil l-clerk biex javza lix-shift leader. Huwa jkompli jghid, li x-shift leader qallhom li ma gara xejn u sa frattant gew il-containers tal-ghoxrin. Ix-xhud jghid ukoll, li obda x-shift leader meta qallu biex jitfa ix-xoghol ma l-art. Huwa jghid ukoll, li wara gie ix-shift leader fuq il-lant**

**tax-xoghol fejn qal lir-rikorrent li f'dik is-siegha kienu marru hazin u qallu biex jippruvaw itellghawhom u komplew bix-xoghol.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fix-xhieda tieghu, li meta mar id-Duty Manger sabu minghajr safety helmet u jispjega li huwa kien nehha s-safety helmet ghax kellu cinga difettuza li beda jfixklu fix-xoghol ghax is-safety helmet beda jaqa ma l-art. Huwa jkompli jghid, li d-Duty Manager kien irrimarkalu li ma kellux il-karti tal-Bay plan.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll li dwar il-karti tax-xoghol, li dak inhar kellu karti ta' xoghol ta' Bay ohra. Huwa jghid ukoll, li meta x-xoghol gie cancelled fuq dik il-Bay mexxewh fuq bay ohra u sakemm kien qed jistenna ix-xoghol kien bla karti. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kif kien gej x-xoghol tela ezatt Oliver Tanti. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li qal lid-Duty Manager li l-karti kienu ghadhom isfel ghax ma kienux ghadhom gabuhomlu**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li aktar tard mar ix-shift leader u qallu jiddispjacih ghax kienu se johorgulu rapport ta' dixxiplina.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li meta gie nfurmat li kienu se jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu qabdu ugieh f'sidru u qal lix-xift leader li ma kienx qed ihossu tajjeb u mhux se jkompli jahdem u jitla fuq il-crane ghax jwegga lil xi hadd.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li x-shift leader qallu li kien se javza lid-Duty Mnager u cempillu quddiemu u semgha lid-Duty manager jghid lix-shift leader li mhix problema u qallu biex jitlaq.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li wara mar il-Polyclinic ta' Hal-Qormi fejn gie ccertifikat li kien ma jiflahx u wara rraporta l-Freeport li kien sick.**

**Matul il-provi r-rikorrent ilmenta, li l-impieg tieghu gie tterminat qabel ma nstemgha l-appell kif ukoll, li sal-gurnata li beda jidher quddiem it-Tribunal Industrijali l-Bord ta' l-Appell ma kienx ghadu ddecieda fuq il-kaz tieghu.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali ezamina l-Ftehim Kollettiv u jirrizulta li klawsola 8.8 tal-Ftehim kollettiv tghid "F'kaz ta' terminazzjoni d-decizjoni tidhol fis-sehh b'mod immedjat u l-Board tal-**

**Appell ghandu jisma' tali appell fi zmien hamest ijiem minn meta jintalab l-Appell.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-ilment tar-rikorrent li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret qabel ma beda jinstema l-Appell.**

**Meta t-Tribunal Industrijali ezamina klawsola 8.8 tal-Ftehim Kollettiv jasal ghal konkluzjoni, li s-socjeta setghet tittermina l-impieg tar-rikorrent qabel ma l-kaz gie mressaq quddiem il-Bord ta' l-Appell.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, l-ilment tar-rikorrent li sa meta beda l-process quddiem it-Tribunal Industrijali l-Bord ta' l-Appell ma kienx ghadu ha Decizjoni fuq l-appell tieghu.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali meta ezamina l-klawsola 8.8 tal-Ftehim Kollettiv jirrizultalu, li l-Bord ta' l-Appell ma kienx limitat biz-zmien sa meta ghandu jghati d-decizjoni tieghu. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li kien hemm problemi biex il-Bord ta' l-Appell jiltaqgha.**

**Ghaldaqstant, ghalkemm ma kien hemm l'ebda ksur tal-Ftehim Kollettiv pero t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema u jirrikomanda, li meta jergaw isiru n-negozjati tal-Ftehim Kollettiv bejn il-kumpanija u l-union, dawn ghandhom jiddeterminaw limitu ta' zmien sa meta l-Bord ta' l-Appelli ghandu jghati d-Decizjoni.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dak inhar ta' l-incident meta fi zmien siegha saru zewg muvimenti biss jista jghati l-kaz li r-ragunijiet li ta' ir-rikorrent setghu kienu validi pero, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li r-rikorrent naqas meta ma kellux l-bay plans u hu kellu esperjenza bizzejjed li jaf li minghajr dan id-dokument ma setghax ix-xoghol isir sewwa. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li r-rikorrent naqas meta ma nfurmax lis-superjuri tieghu li ma kellux bay plans.**

**Dan it-Tribunal Industrijali meta jezamina ir-raguni li ta' r-rikorrent li ma kienx liebes safety helmet ghax ma kellux cinga, ghat-Tribunal Industrijali din m'hix raguni accettabbli. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li s-safety ghanda tigi nfurzati u minn ma jsegwix l-istruzzjonijiet ghandu jigi penalizzat ghax b'dan il-mod biss nistghu nevitaw l-incidenti fuq il-post tax-xoghol. Ghaldaqstant, jekk ir-rikorrent kellu problema fuq**

**ilbies prottettiv f'dan il-kaz is-safety helmet, huwa kien obbligat li jirraporta minnufih b'dan lis-superjur ta' fuqu.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, l-aspett li r-rikorrent jghid li huwa fehem li setgha jitlaq mix-xoghol ghax kien ma jiflahx, liema awtorizazzjoni giet michuda li giet moghtija mid-Duty Manager.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li anke jekk ir-rikorrent fehem li setgha jitlaq mill-lant tax-xoghol huwa xorta kien obbligat li jsegwi l-procedura tal-kumpanija, li qabel ma jitlaq mill-premises tal-kumpanija kellu jattendi l-klinka li l-kumpanija tipprovdi fuq il-post tax-xoghol.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra is-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet jiddeciedi, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent saret ghal raguni tajba u sufficenti u ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19, ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Is-sur Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 20 ta' Mejju, 2021**